MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 66/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Patrick Spiteri**

Il-Qorti:

Rat illi din hija referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara ilment sollevat mill-akkuzat fil-kors ta' proceduri kriminali li qed jittiehdu kontra tieghu. Patrick Spiteri qed jigi akkuzat, fost hwejjeg ohra, illi bhala ufficjal pubbliku, abbuza mill-pozizzjoni tieghu u talab u/jew ircieva rigal biex ikun "influenzat" fil-qadi ta' dmirijietu. Fil-kors tal-proceduri quddiem dik il-Qorti bhala Qorti Istruttorja, giet esebita stqarrija li l-akkuzat irrilaxxja

fit-23 ta’ Gunju 2006. F’din l-istqarrija saret ammissjoni li l-akkuzat accetta flus bhala “protection money”, u hemm spjegazzjoni mill-akkuzat dwar l-involviment tieghu fil-materja; l-istqarrija hi wahda dettaljata li tiehu aktar minn 8 pagni. L-akkuzat irrilaxxja stqarrija ohra fil-25 ta’ Gunju 2006.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhiex aktar provi fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2009, quddiem l-imsemmija Qorti. Fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2011, l-akkuzat, permezz tal-avukat tieghu talab differiment biex ikun jista’ jixhed hu stess, u dan ikun l-ahhar xhud li jkun fadlilha d-difiza.

Il-kaz gie differit ghat-23 ta’ Gunju 2011 biex jixhed l-akkuzat, pero’ fl-20 ta’ Gunju 2011, l-akkuzat ressaq rikors fejn dan talab lill-Qorti taghti dawk id-direttivi mehtiega fid-dawl tal-izvilupp kostituzzjonali (sic) li tqis stqarrija li tkun ittiehdet meta l-akkuzat ma jkunx assistit minn avukat bhala li tivvjola d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq; hu ikkontesta ukoll xhieda ta’ membri tal-korp tal-pulizija li, skont hu, hija kollha msejsa fuq dak li suppost stqarr maghhom l-akkuzat.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’digriet tat-23 ta’ Gunju 2011, osservat li mhux il-kompitu taghha li tidderiegi lil xi wahda mill-partijiet kif ghandha tirregola ruhha.

B’rikors tat-12 ta’ Ottubru 2011, l-akkuzat ghamel talba biex issir referenza kostituzzjonali tal-kwistjoni minnu sollevata. L-akkuzat ilmenta mill-fatt illi (i) hu irrilaxxja stqarrija filwaqt li ma kellux l-opportunita’ jitlob assistenza legali u fil-fatt, ma kellux dik l-assistenza; (ii) ix-xhieda ta’ ufficjali tal-pulizija hija msejsa fuq dak li suppost stqarr maghhom l-akkuzat; (iii) ix-xhieda ta’ Alfred Galea u Leonard Cachia hija konsegwenza ta’ stqarrijiet minnhom maghmula waqt li ma kinux assistiti minn avukat; u (iv) ix-xhieda ta’ Gejtu Zerafa hija ta’ allegat komplici, u allura ta’ pregudizzju ghalih.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’digriet tat-13 ta’ Ottubru 2011, laqghet it-talba tal-akkuzat u ordnat lir-Registratur tal-Qorti jirrinvija l-atti lil din il-Qorti.

Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li recentement, il-Qorti Kostituzzjonali affermat il-principju li meta tittiehed stqarrija ta’ persuna li tkun investigata b’xi reat u dan meta dik il-persuna ma jkollhiex il-possibilita’ li tikseb ghajnuna legali, ikunu gew lezi d-drittijiet taghha ta’ smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea – ara “Il-Pulizija vs Lombardi”, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ April 2011, u “Il-Pulizija vs Pullicino”, deciza mill-istess Qorti fl-istess jum.

Issa, f’dan il-kaz jidher li z-zewg stqarrijiet li ghamel ir-rikorrent Patrick Spiteri, ittiehdu fiz-zmien meta ma kellux dritt jitlob assistenza ta’ avukat. Dan ma jfissirx li din il-Qorti ghandha tiddikjara hi l-istess stqarrijiet illeciti u tordna l-isfilz taghhom. Din il-Qorti ma thossx li ghandha tapprofondixxi fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fuq materja simili, pero’, il-kompitu taghha hu biss li tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tal-akkuzat meta ttiehdu dawk l-istqarrijiet, u thalli f’idejn l-ewwel Qorti biex tara kif tirregola s-sitwazzjoni fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni. Hekk gie deciz fil-kaz ta’ Lombardi fuq riferit fejn il-Qorti Kostituzzjonali laqghet it-talba tar-rikorrent u ddikjarat li gew lezi d-drittijiet tieghu ta’ smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u waqfet hemm.

Hu veru li dan il-kaz ghadu ma giex terminat u l-proceduri kriminali kontra l-akkuzat ghadhom pendenti, pero’, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Lombardi msemmija,

“*Fil-fehma ta’ din il-Qorti biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, il-Qorti mhux necessarjament trid toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga’ ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista’ taghmel dik id-dikjarazzjoni ta’ lezjoni, hija ghandha tezamina l-lanjanza meta tigi sollevata. Kif tikteb* ***Karen Reid*** *fil-ktieb “**A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights**”, 3rd Edition page 70 “While the conformity of a trial with the*

*requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista' jiddetermina "the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (***Can***).*"

Ghar-rigward, ix-xhieda ta' ufficjali tal-Pulizija, il-pozizzjoni m'hijiex daqshekk cara, pero', kif taraha din il-Qorti kull diskors li seta' qal l-akkuzat wara li kien beda jigi investigat, ghandu jitqies imcappas b'dan l-istess vizzju. Darba li persuna tkun qed tigi investigata, ghandu jitqies li skatta fil-konfront taghha l-protezzjoni tal-ligi, u kwalunkwe diskors li jkun sar, anke b'mod informali, ma' ufficjali tal-Pulizija ma jistax jingieb kontra taghha. F'dan il-kaz, l-akkuzat rikorrent huwa ufficjal tal-Pulizija, u allura hu facli li dan "jitkellem" ma' ufficjali shabu. Darba, pero', li bdiet l-investigazzjoni fil-konfront tieghu, m'ghandux jigi mhajjar jitkellem fuq il-kaz tieghu, u jekk jitkellem minn rajh, l-ufficjal li mieghu jkun qed jitkellem ghandu jwiddbu biex jiskot. Kull ma ntqal mill-akkuzat wara li bdiet l-investigazzjoni, ghandha, ghalhekk, tigi mwarrba. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Lombardi msemmi,

"*Minn ezami tal-fatti li jemergu f'dan il-kaz, jirrizulta sufficjentement evidenti li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi msemmija moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta' "self-incriminating evidence". Fil-mument li gie interrogat l-appellant u meta rrilaxxja zewg stqarrijiet mal-ufficjali koncernati kienet tipprevali "a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions" (***Boz v. Turkey***, u* ***Dayanan v. Turkey****). Di piu', fil-kaz ta'* ***Dayanan v. Turkey****, kienet instabet lezjoni tal-Artikolu 6 nonostante li l-akkuzat baqa' sieket meta interrogat mill-pulizija. Aktar u aktar allura fejn, bhal f'dak il-kaz, il-persuna interrogata rrilaxxjat stqarrijiet li jikkoncernaw il-htija taghha taht din ir-restrizzjoni ghad-dritt ghall-avukat. Lill-Qorti ma jirrizultawlha l-ebda "compelling reasons" biex*

*jiggustifikaw restrizzjoni totali ta' access ghall-avukat, kif irrizulta f'dan il-kaz.*"

Dan ma jghoddx ghal dak li seta' stqarr l-akkuzat qabel ma beda jigi investigat. Mhux eskluz li, waqt li kien fuq xogholu, l-akkuzat seta' lissen xi haga fuq l-agir tieghu ma' xi membru iehor tal-korp tal-Pulizija, u dan id-diskors jista' jigi ripetut f'Qorti ta' gustizzja kriminali. Hu, importanti, pero' li tigi evitata kull suspett ta' "entrapment", u kull diskors li seta' intqal mill-akkuzat wara li tkun bdiet l-investigazzjoni ghandha titqies bhala "self-incriminating evidence" li mhux accettabbli.

Din hi kwistjoni ta' fatt li trid tigi mistharrga u deciza mill-Qorti Inferjuri. Jekk, wara li tisma' l-provi relattivi, tikkonkludi li d-diskors li qed jirrepetu l-ufficjali tal-Pulizija sehh wara li bdiet l-investigazzjoni, jigifieri, wara li l-Pulizija tkun xehtet ghajnejha fuqu u tissuspetta fih, allura dak id-diskors ghandu jitqies mhux attentibbli, u r-ripetizzjoni tieghu waqt process kriminali ghandu jitqies li jilledi d-drittijiet fondamentali tal-akkuzat. Kif intqal mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Salduz v Turkey", deciz fis-27 ta' Novembru 2008, huwa principju li l-Konvenzjoni Ewropea ttendi,

"*to the prevention of miscarreages of justice and the fulfillment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*"

Persuna li tkun qed tigi investigata ghandha titqies li tkun f'sitwazzjoni vulnerabbli specjalment jekk tkun ghadha ma tafx li hija tkun qed tigi hekk investigata. Jista' jkun li, f'certu stadju bikri tal-investigazzjoni, il-Pulizija ma jkunx jidhrilha opportun li tarresta lil persuna investigata, jew li tinformaha bl-investigazzjoni, pero', minn dak il-mument tkun persuna suspetta u l-kaz taghha ma ghandux jigi ppregudikat billi f'qorti tal-gustizzja kriminali jigi ripetut xi diskors li dik il-persuna setghet qalet ma' ufficjali tal-Pulizija.

Ghar-rigward ix-xhieda ta’ Alfred Galea u Leonard Cachia, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghal x’hiex tintervjeni. L-istqarrijiet relattivi ta’ dawn il-persuni ma gewx minnhom kontestati, u kwindi ghandu jitqies li huma qablu ma’ dak li kien gie redatt fl-istqarrija. Huma xehedu f’dan il-process b’mod liberu u b’impenn li jghidu l-verita’. Setghu hargu bi storja differenti, imbaghad, wisq probabli, kienu jigu konfrontati bl-istqarrija li jkunu ghamlu u jkollhom jispjegaw ghaliex biddlu l-verzjoni tal-fatti. Hi x’inhi, pero’, dak li xehedu ma jistax jigi sfilzat ghax dak li qalu seta’ kien kondizzjonat bl-istqarrija. Fil-proceduri kontra taghhom, dawn il-persuni ma kkontestawx l-istqarrija li kull wiehed minnhom kien ghamel, u kienu sodisfatti mill-proceduri kif zvolgew fil-konfront taghhom. Din il-Qorti ma tistax tindaga fuq stqarrija ta’ persuni li m’humiex parti fil-kawza, u jekk dawn, fil-proceduri fejn intuzat l-istqarrija kontra taghhom, ma qajmu ebda oggezzjoni, din il-Qorti ma tistax tintervjeni, anke jekk dak li inghad fl-istqarrija jista’ jkun ta’ hsara ghall-akkuzat odjern. Jekk persuna tixhed jew tirrilaxxja stqarrija kontra persuna ohra, dik l-evidenza ma tistax titnehha mill-process a bazi tal-fatt li x-xhud seta’ kien ikkundizzjonat b’dak li sar qabel, meta l-istess xhud ikun f’pozizzjoni li jilmenta fuq dak li sar qabel, izda ma ghamel xejn. F’kull kaz, meta l-persuni in kwistjoni xehedu quddiem il-Qorti, huma kienu taht il-kontroll u protezzjoni tal-istess Qorti, u sta ghall-Qorti li tqis u tapprezza dik ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz.

L-istess ghandu jinghad dwar ix-xhieda tal-allegat komplici. Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma’ l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta’ komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista’ titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita’ ta’ kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f’kaz ta’ kwalunkwe xhud iehor.

Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta’ komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b’certa kawtela, u l-

Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz zgur li se tapproccja xhieda ta' allegat komplici bid-debitu rigward. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz.

Kwindi, dawn l-ahhar zewg ilmenti tal-akkuzat ma humiex se jigu akkolti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-referenza li saritilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, billi tghid u tiddeciedi illi (i) biz-zewg stqarrijiet li rrilaxxja l-akkuzat fit-23 ta' Gunju 2006 u fil-25 ta' Gunju 2006, gew lezi d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea; (ii) l-istess ghandu jinghad fil-kaz tax-xhieda tal-Kummissarju Rizzo, tad-Deputat Kummissarju Joe Cachia, tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar, tal-Ispettur Angelo Gafa', tal-Ispettur Ian Abdilla u ta' P.C. 775 Edwin Cassar, in kwantu biss din ix-xhieda hija msejsa fuq dak li seta' stqarr maghhom l-akkuzat wara li bdiet l-investigazzjoni fil-konfront tieghu; izda (iii) tichad l-ilment tal-akkuzat fil-konfront tax-xhieda ta' Alfred Galea u Leonard Cachia, u ta' Gejtu Zerafa, u tqis li bix-xhieda ta' dawn il-persuni ma gewx imkissra drittijiet tal-akkuzat kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Tordna li l-proceduri kontra Patrick Spiteri jitkomplew konformament ma' dak hawn deciz, u kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha qed jitmexxa l-kaz ghall-prosegwiment skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------